**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 29 ta` Settembru 2015**

**Kawza Nru. 5**
**Rikors Nru. 74/13 JZM**

**Raymond Desira**

***kontra***

**L-Avukat Generali ;**

**Awtorita` ghall-Ambjent u l-Ippjanar, u b`digriet tat-13 ta` Jannar 2014 "Awtorita` ghall-Ambjent u l-Ippjanar" inbidlet ghal "L-Awtorita` ta` Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-30 ta` Settembru 2013 li jaqra hekk :–

*1. Premess illi r-rikorrenti bhala proprjetarju ta` Stitch Discotheque (ex Liquid Club), Triq Gharghur, Iklin kien applika ghal permess ta` zvilupp (PA/03934/09) sabiex jigu sanzjonati xoghlijiet li kienu saru fil-bitha esterna tal-fond imsemmi u kif ukoll sabiex isiru xoghlijiet ta` miljoramenti u amenitajiet godda ;*

*2. U billi fit-30 ta` Settembru 2011, l-Awtorita` rrifjutat din l-applikazzjoni u ma kkoncedietx il-permess taghha u l-esponenti appella minn dan ir-rifjut b`appell numru PAB 789/11 quddiem it-Tribunal ta` Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ;*

*3. U billi l-appell kien qed jinstema` regolarment u sahansitra saru xi noti ta` sottomissjonijiet bil-miktub u anke access, fejn l-Awtorita` kienet qed tallega li kellhom jigu applikati s-sanzjonijiet previsti mill-Avviz Legali 514/10 filwaqt li l-esponenti kien qed isostni li dak l-avviz ma setax japplika b`mod retroattiv ;*

*4. Izda fid-29 ta` Jannar 2013, ir-rikorrenti talab differiment ghas-seduta tal-21 ta` Frar 2013 billi l-avukat tieghu, Dr Joseph Schembri, kien ser ikun imsiefer, u dana ghalhekk fi zmien utli sabiex ir-rikorrenti jigi nfurmat b`kull oggezzjoni li seta` kien hemm. Kopja ta` dan ir-rikors hija hawn annessa u esebita bhala Dokument "A" ;*

*5. U billi l-esponenti ma sema` bl-ebda oppozizzjoni ghat-talba ghal differiment u allura huwa ma marx ghas-seduta preparat sabiex jaghmel is-sottomissjonijiet li xtaq jaghmel izda mar personalment minghajr ma kien assistit minn avukat jew perit tal-fiducja tieghu u dan biss sabiex ikun infurmat bid-differiment ghat-trattazzjoni tal-appell tieghu ;*

*6. U billi dakinhar it-Tribunal ta` Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar cahad ir-rikors ghal differiment u esprima ruhu pubblikament meta c-Chairman tat-Tribunal stqarr lill-esponenti li huwa "ghandu idejh marbutin dwar dan il-kaz" u ghalhekk iddiferixxa l-kawza ghal decizjoni u dan kollu quddiem l-esponenti ;*

*7. U billi din id-dikjarazzjoni kienet inghatat qabel ma t-tribunal kien iltaqa` sabiex jiddelibera dwar id-decizjoni u ghalhekk l-esponenti jhoss li l-istess Tribunal ippregudika ruhu b`mod li gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif protett taht is-subinciz 1 tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-*

*Libertajiet Fundamentali kif ukoll is-subinciz 2 tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ;*

*8. U billi l-esponenti talab formalment lit-Tribunal sabiex jirrikuza ruhu u jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kaz izda t-Tribunal baqa` ma ta l-ebda digriet u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi :*

*Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom illedew id-drittijiet fondamentali tal-esponenti ghal smigh xieraq ;*

*Taghti kull ordni, provvediment iehor u rimedju xieraq ghal din il-lezjoni nkluz li tornda li l-Appell jigi trattat quddiem l-istess Tribunal diversament kompost.*

*B`riserva ta` kull dritt iehor spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjez u l-ingunzjoni in subizzjoni tal-intimati.*

Rat id-dokument li kien prezentat flimkien mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta l-Avukat Generali fl-<u>1 ta` Novembru 2013</u> li taqra hekk :–

*1. Illi in linea preliminari l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 stante li l-esponent mhux l-awtorita kompetenti sabiex jiddetermina applikazzjonijiet ghall-permessi ta` zvilupp ta` bini u tali talbiet mhux ezegwibbli kontra tieghu u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-mertu l-intimat jopponi t-talbiet kif avvanzati fir-Rikors promotur u jirrileva li ma sehh l-ebda ksur da parte tieghu tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u dan ghas-segwenti ragunijiet :*

*(2.1) Illi fl-ewwel lok, fil-mertu trid tingieb prova tal-fatti kif kontenuti fir-Rikors promotur ;*

*(2.2) Illi fit-tieni lok, jehtieg li r-rikorrent jispjega kif sehhet l-allegata vjolazzjoni tal-Artikoli imsemmija tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Kostituzzjoni ;*

*(2.3) Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju, fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-intimat jirrileva li d-determinazzjoni ta` applikazzjonijiet ghall-permessi ta` zvilupp ta` bini mhix fil-mansjonijiet tieghu ;*

*(2.4) Illi fir-raba` lok u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors huma insostenibbli fil-konfront tal-esponent stante li huwa ma jistax iwiegeb ghall-allegazzjonijiet ta` ksur ta` drittijiet fundamentali meta dan l-allegat ksur huwa kjarament marbut ma` azzjonijiet mehudha minn xi awtorita ohra ;*

*(2.5) Illi fil-hames lok, jirrizulta li s-seduta li qed jillanja minnha r-rikorrent kienet intiza ghat-trattazzjoni finali wara s-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet bil-miktub ; apparti l-fatt li mir-rapport tal-enforcement officer jirrizulta li pendenti l-appell, ir-rikorrent kien addirittura qed jikser l-enforcement notice mahruga fil-konfront tieghu mill-Awtorita kompetenti*

*(2.6) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent li hu responsabbli ghalih l-esponent, fl-umli fehma tal-esponent dikjarazzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti f'dak ir-rigward ghandha tkun sufficjenti.*

*(3) Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fil-konfront tal-esponent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u/jew tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ; bl-ispejjez kontra tieghu.*

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar prezentata fis-6 ta` Novembru 2013 li taqra hekk –

*Preliminarjament, jigi rilevat li l-isem korrett tal-Awtorita` intimata hu "l-Awtorita ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" u ghalhekk trid issir id-debita korrezzjoni fl-okkju.*

*Illi hu nkoncepibbli kif l-Awtorita` intimata giet citata bhala intimata f`din il-kawza. L-Awtorita` hi l-ex adverso ta` Raymond Desira fil-proceduri pendenti quddiem it-Tribunal ta` Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. L-ilmenti tar-rikorrent huma radikati esklussivament ghall-mod kif it-Tribunal mexa mieghu, u hu evidenti li ghal dawn l-ilmenti, iwiegeb it-Tribunal u kellu jigi mharrek it-Tribunal, u mhux il-parti opposta fl-istess procedura.*

*Illi hu evidenti li r-rikorrent ried iharrek lit-Tribunal ta` Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, tant illi jekk wiehed ihares lejn l-istess rikors promotur, fl-ahhar parti fejn hemm indikata lil min trid issir in-notifika, hemm hekk : "Tribunal ta` Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar", u effettivament, in-notifika tar-rikors promotur saret lill-istess Tribunal, li sahansitra pprezenta risposta f`din il-kawza.*

*Illi hu principju sagrosant illi tezisti awtonomija shiha bejn it-Tribunal ta` Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u l-Awtorita`, tant illi l-Awtorita` hi parti quddiem l-istess Tribunal, u naturalment l-Awtorita` ma twegibx ghall-ghemil tat-Tribunal. Ghaldaqstant, qed jigi eccepit li l-Awtorita` esponenti ma hix il-legittima kontradittrici ghall-ilmenti tar-rikorrent, u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Illi din il-kawza hi wahda li l-iskop uniku taghha hu dak ta` forum shopping, kif evidenti mit-tieni talba, billi hu ovvju li dak li jrid ir-rikorrent hu li jissostitwixxi l-komposizzjoni tat-Tribunal u li l-kaz tieghu jinstema` quddiem it-Tribunal il-gdid kif ricentement kompost.*

*Illi ma hux car jekk il-lanjanza tar-rikorrent hijiex impernjata biss dwar l-allegazzjoni kontenuta fis-sitt paragrafu li c-Chairman tat-Tribunal "stqarr lill-esponenti li huwa "ghandu idejh marbutin dwar dan il-kaz" jew jekk hemmx ukoll lanjanza talli giet michuda t-talba ghal differiment. Jekk hemm lanjanza dwar ic-cahda tat-talba ghal differiment, din hi frivola, billi fl-ewwel lok ir-rikorrent kellu zewg avukati, il-Professur Ian Refalo u Dottor Mark Refalo, li dejjem kienu huma li deheru ghalih quddiem it-Tribunal. Qabel id-differiment mahsub ghat-trattazzjoni, apparentement introduca t-tielet Avukat fid-difiza tieghu quddiem it-Tribunal b`zieda maz-zewg avukati l-ohra, u ma kien hemm l-ebda raguni ghala ghas-seduta quddiem it-Tribunal m`attendiex il-Professur Ian Refalo jew Dottor Mark Refalo. Jinghad ukoll li Dottor Joe Schembri qatt ma*

*deher quddiem it-Tribunal. Illi dan hu kaz fejn l-illegalitajiet perpetrati mir-rikorrenti qeghdin dejjem jizdiedu, u t-talba ghal differiment kienet manuvra ohra biex ir-rikorrent itawwal iz-zmien. It-Tribunal kellu kull dritt u kull ragun li jichad it-talba ghal differiment. Ir-rikorrent kien jaf ben tajjeb ghal liema skop kienet differita l-udjenza, u cioe` ghat-trattazzjoni dwar in-noti bil-miktub ipprezentanti mill-Professur Refalo u Dottor Mark Refalo ghar-rikorrent minn naha u mill-Awtorita` minn naha l-ohra, u kien hu (r-rikorrent) li ghazel li ma jiehux biex jassistih lis-soliti Avukati tieghu, il-Professur Ian Refalo u Dottor Mark Refalo.*

*<u>Illi aktar importanti minn hekk huwa dan li gej</u>. Ir-rikorrent fir-raba` paragrafu tar-rikors promotur jghid li qed jannetti rikors bhala Dokument A konsistenti f`talba ghal differiment. <u>Ir-rikorrent qatt ma pprezenta rikors ghal differiment</u>, izda kif jidher car mid-dokument esebit mill-istess rikorrent, id-dokument datat 29 ta` Jannar 2013 jikkonsisti <u>f`ittra li ma ntbaghtitx lit-Tribunal ta` Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, izda lill-Awtorita` esponenti u cioe` lill-ex adverso tar-rikorrent</u>, fejn it-Tribunal intalab jiddifferixxi s-seduta tal-21 ta` Frar 2013 ! Jigifieri t-Tribunal qatt ma kellu talba quddiemu, formali jew xort`ohra, sabiex jiddifferixxi l-udjenza tal-21 ta` Frar 2013.*

*Illi jirrizulta mid-dokument datat 2 ta` April 2013 esebit mar-rikors promotur, li <u>xahar u nofs wara din l-udjenza tal-21 ta` Frar 2013</u>, ir-rikorrent tramite l-avukat tieghu rega` ghal darb`ohra kiteb <u>lill-Awtorita` esponenti u cioe` lill-ex adverso</u>, u mhux lit-Tribunal, fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex ikun jista` jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu. Din l-ittra giet forwarded mill-esponenti lit-Tribunal, li ghalkemm ma kienitx konsistenti f`rikors ossia talba lill-istess Tribunal, xorta pprovda dwarha fis-sens li cahad it-talba hemm kontenuta. Illi fid-dawl tal-premess, hu evidenti li r-rikorrent ipprova jilghab karta u ma jistax jilmenta li ghax din hadmet kontrih, gie lez xi jedd tieghu ghal smiegh xieraq.*

*Illi bla hsara ghall-premess, ir-rikorrent irid jiccara dak li qed isostni fis-sitt paragrafu tar-rikors tieghu, billi r-rikorrent kien nebuluz f`dak li qed jallega u halla din l-allegazzjoni xotta appozitament. L-Awtorita` esponenti ma hix ser tirribatti dak kontenut fis-sitt paragrafu f`dan il-mument, billi kollox jiddependi dwar ix-xiehda li ser tinghata dwar din l-allegazzjoni. L-Awtorita` esponenti ghalhekk tirriserva l-posizzjoni taghha u li zzid ma` din ir-risposta wara li jinstemghu il-provi f`dan ir-rigward – u dana billi irid l-ewwel jigi stabbilit jekk hux veru li c-Chairman lissen il-kumment citat ; imbaghad jekk dan qalux fil-kuntest li ghandu jdejh marbutin fis-sens li ma jistax jikkoncedi differimenti, jew li ghandu idu marbuta minhabba xi provvediment tal-ligi, f`liema kuntest l-allegazzjoni tar-rikorrent tkun allura wahda frivola u altament ingusta.*

*F`dan il-kuntest, kieku tali lanjanza tigi milqugha, ikun ifisser li kull gudikant irid izomm halqu maghluq fl-udjenzi waqt it-trattazzjoni tal-kaz, u gudikanti bhall-Onorevoli Imhallef li qed jippresjedi din il-kawza, li jiehdu sehem attiv fid-dibattitu tal-kawza u jaghmlu diversi mistoqsijiet lill-partijiet u lill-avukati, u flok johorgu b`sorprizi fis-sentenza juru l-hsibijiet taghhom fl-apert fl-awla bil-libera fakulta lill-partijiet li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor minn kif tkun qed tahseb, titpoggilhom sarima ma` halqhom u jkollhom joqghodu fommhom sieket u jiddeciedu bhal robots.*

*Illi ghaldaqstant il-lanjanzi tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta` Jannar 2014 fejn wara li r-rikorrent talab u kiseb korrezzjoni fl-isem tal-Awtorita` ntimata, l-istess Awtorita` rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent u ta` Dominic Micallef fl-udjenza tas-17 ta` Frar 2014 u rat id-dokument li kienipprezentat.

Semghet ix-xiehda ta` Ryan Borg fl-udjenza tat-2 ta` Gunju 2015.

Semghet ix-xiehda tal-Av. Dr. Anthony De Gaetano, ta` Dr Carina Testa u tal-Perit Chris Falzon fl-udjenza tas-16 ta` Ottubru 2014 u rat id-dokumenti li kienu prezentati.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta` Jannar 2015 fejn *inter alia* nghad hekk :-

*Dr Schembri nforma lill-Qorti illi wara emendi li saru fil-ligi, il-kaz mertu ta` dawn il-proceduri ser jerga` jinbeda quddiem tribunal gdid, u ghaldaqstant ma ghadx hemm interess li l-kaz jigi deciz mill-Qorti. F`dan is-sens diga` tkellem mal-Avukat Robert Abela, fejn lilu gie suggerit illi l-kaz jigi cedut bi spejjez tar-registru ghar-rikorrenti u kull parti tbati thallas l-ispejjez taghha, liema proposta ma gietx accettata.*

*Min-naha tieghu Dr Ian Borg jikkonferma illi l-proposta dwar il-kap tal-ispejjez kienet respinta in kwantu dawn il-proceduri huma proceduri illi fihom l-Awtorita` ma kellha qatt tiddahhal, kif ukoll ghaliex tressqu allegazzjonijiet fil-konfront tal-istess, illi fil-verita` jirrizultaw infondati.*

*Dr. D`Alessandro tirrimetti ruhha.*

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez ladarba l-mertu kien ezawrit.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. M`hemmx izjed interess

Skond dikjarazzjoni li ghamel id-difensur tar-rikorrent fl-udjenza tat-13 ta` Jannar 2015 *wara emendi li saru fil-ligi, il-kaz mertu ta` dawn il-proceduri ser jerga` jinbeda quddiem tribunal gdid, u ghaldaqstant ma ghadx hemm interess li l-kaz jigi deciz mill-Qorti.*

Billi, kif jirrizulta mill-bqija tal-verbal tal-istess udjenza, il-partijiet ma lahqux ftehim dwar il-kap tal-ispejjez tal-kawza, se tkun il-Qorti li taghti decizjoni fir-rigward.

## III. L-ispejjez tal-kawza

Sabiex tasal ghal decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez, il-Qorti trid necessarjament tirreferi ghall-provi, u tqis il-posizzjoni fil-kawza tal-intimati fil-konfront tal-ilmenti li gab `il quddiem ir-rikorrenti meta istitwixxa dan il-procediment.

### 1) Provi

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa l-proprjetarju ta` Stitch Discotheque, gia Liquid Club, sitwat fi Triq il-Gharghur, l-Iklin. Mistoqsi jekk qattx deher ghas-seduti tal-Bord tal-Appelli tal-MEPA, ir-rikorrent xehed li huwa qatt ma deher, ghaliex Dominic Micallef kien jiehu hsieb ta` kollox.

**Dominic Micallef** xehed illi huwa jiehu hsieb tal-Stitch Discotheque. Kien prezenti ghas-seduta tal-21 ta` Frar 2013, quddiem it-Tribunal ta` Revizjoni ta` l-Ambjent u l-Ippjanar (“**it-Tribunal**”). Dakinhar l-avukat tieghu Dr Joseph A. Schembri kien avza lit-Tribunal li ma setax jattendi. Huwa mar xorta ghas-seduta biex ikun cert li s-seduta tkun differita. Waqt li kien hemm, ghajjatlu c-Chairman tat-Tribunal u

staqsieh ghaliex l-avukat ma kienx prezenti. Dak il-hin huwa ghadda lic-Chairman kopja tar-rikors ghal differiment. L-avukat tal-MEPA oggezzjona ghaliex - skond hu - it-talba ghal differiment kienet biss telf ta` zmien u li l-intenzjoni taghhom kienet illi jkomplu bl-illegalitajiet fil-post. Wara dik l-opposizzjoni, ic-Chairman qam bil-wieqfa, qal illi kellu idejh marbutin, u li kien se jghaddi ghas-sentenza.

**Fil-kontroezami**, Micallef stqarr illi l-applikant fil-fatt kien Raymond Desira u li hu kien jidher ghalih. Mistoqsi jekk l-avukati tieghu fil-proceduri quddiem il-MEPA kienux l-Professur Ian Refalo u l-Avukat Mark Refalo, ix-xhud wiegeb illi kellu wkoll lill-Av. Joseph A. Schembri li dahal fil-kwistjoni mill-ewwel risposta tal-appell. Mgharraf li t-talba ghal differiment saret lill-MEPA u mhux lit-Tribunal, ix-xhud wiegeb li r-rikors sar tant li kellhom l-*acknowledgement*. Mistoqsi x`fehem meta c-Chairman qal li idejh kienu marbutin, ix-xhud qal illi huwa fehem li l-applikazzjoni kienet se tigi rifjutata. Muri l-verbal tas-seduta, Micallef ikkonferma li l-avukat tal-MEPA beda jopponi li jkun hemm differiment, u beda jghid lic-Chairman sabiex jaqtghu il-kaz ghaliex kienu qed jitilfu l-hin. Mistoqsi jekk meta c-Chairman qal li kellu idejh marbuta kienx qed jirreferi ghat-talba ghal differiment jew affarijiet ohra, ix-xhud wiegeb li d-diskors kien dwar id-differiment izda xorta kellha ssir it-trattazzjoni.

**Ryan Borg** xehed illi huwa jahdem ma` Dominic Micallef u jiehu hsieb il-*maintenance*. Jiftakar li kienu marru l-MEPA Dominic Micallef u hu ghal xi Frar 2013. Dahal ma` Micallef ghal seduta. Jiftakar li kien hemm ragel li beda jghajjat u jghid li ma jistax ikun u li kienu qed jipprovaw igebbdu z-zmien. Wara dan, ir-ragel li kien bilqeghda fin-nofs qam bil-wieqfa, qal li kellu idejh marbuta, u li kien se jmexxi bis-sentenza.

**Fil-kontroezami**, Borg xehed li Dominic Micallef huwa d-direttur tad-diskoteka "Aria". Ma jafx ghaliex r-ragel li semma beda jghajjat u dwar xiex kienet d-diskussjoni.

**Av. Anthony De Gaetano** – avukat tal-MEPA – illi huwa ra l-files relattivi ghall-proceduri quddiem it-Tribunal. Jirrizulta li huwa kien attenda ghas-seduta li dwarha sar l-ilment odjern, flimkien mal-Perit Denise Martin, li hija perit mal-Awtorita`. Meta dahal ghas-seduta sar jaf li kien hemm talba ghal differiment. Qal lit-Tribunal illi jekk kien hemm talba, huwa kien ser jopponi u ta r-ragunijiet tieghu. Staqsa lic-Chairman min ried id-differiment, ic-Chairman qallu li kien l-Av. Joseph Schembri. Huwa wiegeb lic-Chairman li ma kienx jirrizulta li l-Av. Schembri kien fil-kaz ghaliex l-avukati kienu l-Prof Ian Refalo u l-Av. Mark Refalo. Ic-Chairman ma qal xejn minn dak li kien allegat illi qal. Ipprezenta t-

traskrizzjoni ta` dak li nghad fis-seduta. It-traskrizzjoni saret mis-segretarja tieghu. Ipprezenta wkoll it-tape tas-seduta.

Dwar il-fatti, stqarr illi wara li l-Awtorita` harget rifjut, sar appell mill-Perit Kenneth Camilleri. Fl-ewwel seduta tal-appell, inghata zmien lill-perit sabiex iwiegeb ghas-sottomissjonijiet li ghamlet l-MEPA fir-risposta taghha ghall-appell. Fit-tieni seduta, il-perit tal-MEPA Perit Denise Martin kienet infurmata li ghalkemm kien hemm *enforcement notice* l-applikant kien qed ikompli bl-izvilupp. Skond il-verbal tal-ewwel seduta, deher l-applikant assistit mill-perit. Ma setax ighid kienx deher ir-rikorrent jew Dominic Micallef ghaliex it-Tribunal jassumi li jkun deher l-applikant u mhux persuna ohra. Fit-tieni seduta ma dehrux l-applikant u l-perit tieghu. Wara n-nota li saret mill-perit tal-MEPA, kienet prezentata nota ta` sottomissjonijiet mill-Prof Refalo u mill-Av. Mark Refalo. Fit-tielet seduta deher il-perit tar-rikorrent u l-appell thalliet ghat-trattazzjoni finali. L-ilment tal-lum huwa dwar ir-raba` seduta ; dik is-seduta kienet ghat-trattazzjoni finali wara li kienu diga` skambjati n-noti ta` sottomissjonijiet.

**<u>Perit Chris Falzon</u>** - Chairman tat-Tribunal – xehed illi huwa ma jiftakar xejn dwar dan l-kaz anke ghaliex it-Tribunal ghandu quddiemu eluf ta` kazi, izda pprezentat r-recording tas-seduta. Mistoqsi mill-Qorti jekk hu qalx kliem fis-sens illi kellu idejh marbutin, ix-xhud sostna li ma kien jiftakar xejn dwar il-kaz ; fl-istess waqt cahad katergorikament illi seta` qal xi kliem f`dak is-sens jew li hassu influwenzat b`xi mod. **<u>Fil-kontroezami</u>**, ix-xhud ikkonferma li ma qalx il-kliem attribwit lilu minn Dominic Micallef.

**2) <u>L-Avukat Generali</u>**

Jekk kellux l-Avukat Generali jkun fil-kawza nkella le jista` jkun stabbilit skond jekk tkunx milqugha jew respinta l-ewwel eccezzjoni preliminary tieghu fejn eccepixxa li *mhux il-legittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12.*

**<u>L-Art 181B tal-Kap 12</u>** jaqra hekk :-

*(1) Il-Gvern għandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni :*

*Izda mingħajr pregudizzju għad-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu :*

*(a) kawzi għall-gbir ta` ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f`kull kaz isiru mill- Accountant General ;*

*(b) kawzi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta` servizz mal-Gvern jistgħu f`kull kaz isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni ;*

*(c) kawzi dwar kuntratti ta` provvista jew ta` appalt mal-Gvern jistgħu f`kull kaz isiru mid-Direttur tal- Kuntratti.*

*(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f`dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jigu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

*(3) Kull rikors, guramentat jew le, jew att gudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jigi notifikat lil kull kap ta` dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat Generali u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull kap ta` dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew intimat fi proceduri gudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jigi notifikat lill-kap jew kapijiet ta` dipartimenti tal-gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill- Avukat Generali. In-notifika lill-Avukat Generali ssir bla ħlas lir-registratur.*

Fil-kawza tal-lum, ir-rikorrent mhux jattakka l-validita` ta` ligi. Lanqas ma qieghed jitlob dikjarazzjoni li ligi jew parti minnha qeghda tikser xi jedd fondamentali tieghu. Il-lanjanza tar-rikorrent hija li bl-agir tieghu t-Tribunal ta` Revizjoni ta` l-Ambjent u l-Ippjanar kiser id-dritt ta` smiegh xieraq tar-rikorrent kif tutelat bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni.

Il-parametri tal-azzjoni gudizzjarja huma delineati mit-talbiet, ghax il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda, hekk kif din tkun giet proposta. Huwa ritenut li fl-ghoti tad-decizjoni, il-gudikant ghandu joqghod rigorosament fil-limiti tal-kontestazzjoni, in partikolari ta` dak mitlub mill-attur (ara : PA/PS – "**Stephen Sciberras vs Av. Francesco Depasquale et noe**" – 9 ta` Dicembru 2002).

Sabiex tipprocedi l-kawza li istitwixxa r-rikorrent, din il-Qorti mhijiex tara li kien mehtieg li l-Avukat Generali jkun parti intimata fil-prodediment tal-lum, propju ghar-ragunijiet li gab l-Avukat Generali in sostenn tal-eccezzjoni preliminari. Fil-fehma taghha, l-Avukat Generali kellu jigi notifikat biss bir-rikors promotur skond l-Art 181B(3) [supra].

**Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni kienet timmerita li tkun akkolta ghaliex l-Avukat Generali tharrek inutilment u ghalhekk l-ispejjez tal-Avukat Generali ghandhom jithallsu mir-rikorrent.**

**2) <u>Il-mertu</u>**

Skond ir-rikorrent, huwa garrab ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq skond kif tutelat bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 6 tal-Konvenzjoni. In succinct, ir-rikorrent ilmenta li bil-fatt li – skond hu – it-Tribunal ta` Revizjoni ta` l-Ambjent u l-Ippjanar cahad it-talba tieghu ghal differiment tal-kaz tieghu ghax hass li kellu *idejh marbuta* minhabba l-opposizzjoni tal-Awtorita` kien jikser id-dritt tieghu ghal smigh xieraq. Fix-xiehda tieghu, Dominic Micallef, li kien il-persuna li kienet qeghda tmexxi l-kaz minflok ir-rikorrent, stqarr li bil-kliem *idejh marbuta* huwa fehem li l-appell tieghu kien se jkun deciz kontra r-rikorrent. Min-naha tieghu, ic-Chairman tat-Tribunal cahad li seta` qal xi kliem fis-sens li fehem Dominic Micallef.

Ghall-fini tad-decizjoni taghha dwar il-kap tal-ispejjez, din il-Qorti tghid hekk :-

a) L-ittra li baghat l-Av. Joseph A. Schembri fejn talab differiment kienet indirizzata lill-Awtorita` ntimata <u>mhux</u> lit-Tribunal ta` Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, li kien il-`forum` li kien qieghed jisma` l-kaz tar-rikorrent.

b) L-aqwa prova ghall-Qorti huwa r-`recording` tas-seduta li kien esebit bhala prova. Il-Qorti semghet ir-recording. Fl-ebda mument ma jinstema` c-Chairman tat-Tribunal ighid il-kliem li allega li qal Dominic Micallef. Bhala konferma, il-kliem allegat lanqas ma jirrizulta fit-traskrizzjoni tas-seduta li wkoll kienet prezentata bhala prova.

c) Mill-verbali tas-seduti li saru quddiem it-Tribunal li wkoll kienu prezentati bhala prova ma jirrizultax li waqt is-seduti qatt deher xi avukat biex jassisti lir-rikorrent izda deher perit.

d) Inoltre l-allegazzjoni li l-avukat tal-Awtorita` beda jghajjat waqt is-seduta mertu tal-ilment hija nfondata wkoll kif huwa evidenti mir-`recording`.

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li l-ilment tar-rikorrent kien sprovvist minn kull fondament fattwali u guridiku. Kien ukoll frivolu u vessatorju. Ghalhekk l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment ghandu jinkorrihom fl-intier taghhom ir-rikorrent.**

**Decide**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrent stante li fl-udjenza tat-13 ta` Jannar 2015, ir-rikorrent, permezz tad-difensur tieghu, ghar-raguni li semma, iddikjara li ma kellux aktar interess fil-prosegwiment ta` din il-kawza.

Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**